



Brussell, 31 ta' Mejju 2024
(OR. en)

10363/24

LIMITE

JUSTCIV 99
ECOFIN 607
COMPET 596
JAI 886
CODEC 1354

**Fajl Interistituzzjonali:
2022/0408(COD)**

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	15896/22 INIT + ADD 1 - 4
Suġġett:	Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tarmonizza ċerti aspetti tal-liġi dwar l-insolvenza – Rapport ta' progress

I. INTRODUZZJONI

1. Fis-7 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni adottat il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tarmonizza ċerti aspetti tal-liġi dwar l-insolvenza¹.
2. Il-proposta għal Direttiva hija waħda mill-inizjattivi previsti fil-pjan ta' azzjoni tal-2020 għall-Unjoni tas-Swieq Kapitali (CMU). Għandha l-għan li thegġegħ l-investment transfruntier fis-suq uniku permezz ta' armonizzazzjoni mmirata tal-proċedimenti ta' insolvenza.
3. Id-Direttiva proposta hija soġġetta għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

¹ 15896/22.

4. Fil-Parlament Ewropew, il-kumitat responsabbli għall-proposta huwa l-Kumitat għall-Affarijiet Legali (JURI), filwaqt li l-kumitat li jagħti opinjoni huwa l-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (ECON). Ir-rapporteur għall-fajl huwa Pascal Arimont.
5. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data adotta l-opinjoni tiegħu dwar id-Direttiva proposta fis-6 ta' Frar 2023.²
6. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu dwar id-Direttiva proposta fl-24 ta' Marzu 2023.³
7. Fil-Kunsill, l-analiżi tal-proposta qed titwettaq fil-Grupp ta' Ħidma dwar Materji ta' Dritt Ċivili (Insolvenza) (minn hawn 'il quddiem: Grupp ta' Ħidma dwar l-Insolvenza). Id-diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Insolvenza wrew li l-oġettivi sottostanti għall-proposta huma ġeneralment milqugħa.
8. Għe organizzat dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Kunsill ĠAI fl-20 ta' Ottubru 2023, li matulu l-Ministri tennew l-appoġġ tagħhom għall-oġettivi li d-Direttiva qed tfittex li tilħaq filwaqt li qajmu għadd ta' kwistjonijiet ewlenin fir-rigward tal-miżuri proposti dwar azzjonijiet revokatorji (Titolu II). Il-ministri ġeneralment appellaw għal aktar flessibbiltà fl-armonizzazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet.
9. Kif deskritt fid-Dikjarazzjoni tas-Summit taż-Żona tal-Euro tat-22 ta' Marzu 2024, il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern huma determinati li jħaffu l-approfondiment tas-CMU, filwaqt li jieħdu nota tad-Dikjarazzjoni tal-Grupp tal-Euro tal-11 ta' Marzu 2024 li appellat għall-introduzzjoni ta' firxa wiesgħa ta' miżuri biex jinkiseb suq uniku reali tal-UE għall-kapital. Is-Summit taż-Żona tal-Euro stieden lill-koleġiżlaturi "jiżguraw it-tlestija rapida tal-ħidma leġiżlattiva pendent i dwar il-pjan ta' azzjoni tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali għall-2020".

² 6147/23.

³ 7856/23.

10. Barra minn hekk, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17 u t-18 ta' April 2024 appellaw għall-avvanz mingħajr dewmien tal-ħidma fil-Kunsill u fil-Kummissjoni fuq il-miżuri identifikati kollha meħtieġa biex jinħolqu swieq kapitali Ewropej verament integrati li huma aċċessibbli għaċ-ċittadini u n-negozji kollha madwar l-Unjoni, għall-benefiċċju tal-Istati Membri kollha. Waħda mill-miżuri identifikati hija l-armonizzazzjoni tal-aspetti rilevanti tal-oqfsa nazzjonali tal-insolvenza korporattiva.

II. SITWAZZJONI ATTWALI TAL-ĦIDMA FIL-KORPI PREPARATORJI TAL-KUNSILL

11. Id-diversità tar-reġimi tal-insolvenza ilha rikonoxxuta bħala kwistjoni li xxekkel il-moviment liberu tal-kapital fl-UE u integrazzjoni akbar tas-swieq kapitali tagħha. Konsegwentement, il-proposta għandha l-għan li tarmonizza ċerti aspetti tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar l-insolvenza, u b'hekk tiffaċilita l-investment transfruntier.
12. Fost aspetti oħra, id-Direttiva proposta tistabbilixxi regoli komuni għall-invalidazzjoni tat-tranżazzjonijiet li d-debitur ikun daħal għalihom qabel il-ftuħ tal-proċedimenti ta' insolvenza (azzjonijiet revokatorji); it-traċċar ta' assi li jappartjenu għall-patrimonju tal-insolvenza; it-tħejjija tal-bejgħ tan-negozju kollu jew parti minnu qabel il-ftuħ formali tal-proċedimenti ta' insolvenza (proċedimenti pre-pack); id-dmir tad-diretturi li jippreżentaw talba għall-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza; il-proċedimenti ta' stralċ simplifikati għall-mikrointrapriżi; kunitati tal-kredituri u miżuri li jsaħħu t-trasparenza tad-dritt nazzjonali. Essenzjalment, il-proposta tfittex li tiffaċilita l-irkupru ta' assi minn patrimonju tal-insolvenza likwidat, tagħmel il-proċedimenti ta' insolvenza aktar effiċjenti u tiżgura distribuzzjoni prevedibbli u ġusta tal-valur irkuprat fost il-kredituri.

a) Finalizzazzjoni tal-ewwel eżami tad-Direttiva proposta

13. Filwaqt li laqgħu l-oġġettivi li fuqhom hija bbażata l-proposta, id-delegazzjonijiet enfasizzaw il-kumplexità tad-Direttiva proposta minħabba r-rabtiet tagħha ma' oqsma oħra tad-dritt nazzjonali u kkummentaw dwar il-livell ta' dettall tagħha. Minħabba l-kumplexità u t-tul tagħha, l-ewwel eżami tal-proposta beda fis-7 ta' Marzu 2023 u twettaq tul 12-il laqgħa konsekuttiva tal-Grupp ta' Ħidma matul il-Presidenza Żvediża, Spanjola u dik Belġjana.
14. L-ewwel eżami ġie ffinalizzat mill-Presidenza Belġjana fil-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma fil-31 ta' Jannar, is-6 ta' Marzu u t-2 ta' April 2024 b'analiżi ta' kapitolu b'kapitolu tat-Titolu VI ("Stralċ ta' mikrointrapriżi insolventi").
15. It-Titolu VI ("Stralċ ta' mikrointrapriżi insolventi") jintroduċi regoli għal proċedura ta' stralċ simplifikata mfassla għall-mikrointrapriżi. Il-proposta essenzjalment għandha l-għan li tistabbilixxi proċedura simplifikata u kosteffettiva.
16. Il-Presidenza nnotat li l-Istati Membri mhumie x tal-istess fehma dwar dan it-Titolu. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri qajmu oġġezzjonijiet dwar l-istabbiliment ta' reġim speċjali tal-UE għall-mikrointrapriżi insolventi. Waħda mir-riżervi ewlenin hija li l-ħolqien ta' tali reġim speċjali jitbiegħed mill-oġġettiv ewlieni tal-proposta, li huwa li jiġu armonizzati aspetti importanti tal-liġijiet nazzjonali dwar l-insolvenza, u għandu biss kontribut limitat għas-CMU. L-Istati Membri esprimew tħassib dwar id-definizzjoni ta' mikrointrapriża, il-ħatra ta' prattikant fl-insolvenza, ir-rwol tal-qorti u l-impatt fuq is-sistemi nazzjonali eżistenti ta' insolvenza.
17. Xi Stati Membri esprimew l-appoġġ tagħhom għar-reġim speċjali, iżda b'aġġustamenti importanti. L-Istati Membri inkwistjoni qiesu li dan ir-reġim speċjali jikkontribwixxi għas-CMU peress li jippermetti stralċ ordnat b'anqas spejjeż.

b) Eżami tal-proposti ta' kompromess dwar it-test tad-Direttiva

18. Wara l-finalizzazzjoni tal-ewwel eżami tad-Direttiva proposta, il-Presidenza bdiet il-preżentazzjoni tal-ewwel test ta' kompromess dwar it-Titolu I ("Dispożizzjonijiet ġenerali") u t-Titolu II ("Azzjonijiet revokatorji") fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma fit-2 ta' April.
19. Fir-rigward tat-Titolu I ("Dispożizzjonijiet ġenerali"), il-bidliet proposti fit-test ta' kompromess huma limitati peress li jeħtieġ li dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali jiġu adattati għall-bidliet li saru gradwalment fil-bqija tal-proposta. Madankollu, it-test ta' kompromess għandu l-għan li jiċċara r-relazzjoni bejn id-diversi titoli tad-Direttiva u r-reġimi nazzjonali eżistenti ta' insolvenza.
20. It-Titolu II ("Azzjonijiet revokatorji") għandu l-għan li jipproteġi l-patrimonju tal-insolvenza kontra t-tneħħija illeġittima tal-assi mwettqa qabel il-ftuħ tal-proċedimenti ta' insolvenza u jgħib lura dawk l-assi fil-patrimonju tal-insolvenza għall-benefiċċju tal-kredituri. Fil-livell tekniku u matul id-dibattitu ta' orjentazzjoni msemmi hawn fuq fil-Kunsill ĠAI tal-20 ta' Ottubru 2023, l-Istati Membri ġeneralment esprimew tħassib dwar il-livell limitat ta' flessibbiltà li jitħalla għall-Istati Membri f'dawn id-dispożizzjonijiet. Sabiex jiġi indirizzat dan it-tħassib, it-test ta' kompromess propost mill-Presidenza aġġusta l-kunċetti użati għal atti legali konklużi għad-detriment tal-korp ġenerali tal-kredituri sabiex ikopri s-sitwazzjonijiet kollha ta' azzjonijiet nazzjonali revokatorji. Huwa ta' wkoll il-possibbiltà lill-Istati Membri li jipprovdu fil-liġijiet nazzjonali tagħhom protezzjoni akbar għall-korp ġenerali tal-kredituri fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' azzjonijiet revokatorji u l-konsegwenzi tagħhom. Fl-aħħar nett, il-Presidenza bdiet riflessjoni dwar il-perjodi ta' żmien differenti adatti għal azzjonijiet revokatorji sabiex jiġi rifless aħjar l-għan ta' armonizzazzjoni minima tal-proposta.
21. Il-Presidenza bdiet il-preżentazzjoni ta' test ta' kompromess dwar iż-żewġ titoli li jmiss, it-Titolu III ("Traċċar ta' assi li jappartjenu għall-patrimonju tal-insolvenza") u t-Titolu IV ("Proċedimenti pre-pack") fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma tas-7 ta' Mejju 2024 u kompliet il-preżentazzjoni fil-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma fit-30 u l-31 ta' Mejju 2024.

22. It-Titolu III ("Traċċar ta' assi li jappartjenu għall-patrimonju tal-insolvenza") jirrikjedi li l-Istati Membri jaħtru qrati li jkollhom is-setgħa, fuq talba ta' prattikant fl-insolvenza, li jaċċessaw u jfittxu fir-reġistru nazzjonali ċentralizzat tal-kontijiet bankarji li jkun fih informazzjoni rilevanti dwar l-assi li jappartjenu jew li għandhom jappartjenu għall-patrimonju tal-insolvenza. It-tħassib ewlieni ppreżentat mill-Istati Membri kien li dawn id-dispożizzjonijiet ikunu ta' piż żejjed fuq il-qrati b'funzjonijiet amministrattivi, li dawn id-dispożizzjonijiet għandhom japplikaw ukoll għall-awtoritajiet amministrattivi u li t-titolu kollu kien preskrittiv iżżejjed. Konsegwentement, it-test ta' kompromess ipprova lill-Istati Membri l-flessibbiltà li jaħtru qrati kif ukoll awtoritajiet amministrattivi li għandhom il-ġurisdizzjoni fi proċedimenti ta' insolvenza biex jaċċessaw u jfittxu fir-reġistri nazzjonali tal-kontijiet bankarji. Id-dispożizzjonijiet saru aktar ġenerali, mingħajr miżuri burokratiċi bla bżonn, iżda b'rispett għan-natura u l-protezzjoni tad-data li għandha tiġi mfittxija. Fl-aħħar nett, it-test ġie allinjat mat-test tal-pakkett il-ġdid ta' riforma kontra l-ħasil tal-flus⁴.
23. It-Titolu IV tad-Direttiva proposta ("Proċedimenti pre-pack") jintroduċi regoli maħsuba biex jipprovdu proċedura aktar effettiva li tirregola l-irkupru tal-valur għall-kredituri. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri ġeneralment jappoġġaw l-oġettiv tat-Titolu IV u jaqblu li dan jista' jikkontribwixxi għas-CMU. Madankollu, tqajjem tħassib b'mod partikolari dwar il-koeżistenza tad-dispożizzjonijiet proposti mas-sistemi nazzjonali eżistenti tagħhom tal-insolvenza, dwar il-livell ta' protezzjoni għall-kredituri u dwar ir-relazzjoni mal-libertà kuntrattwali. Fit-test ta' kompromess, il-Presidenza ċċarat l-interazzjoni taż-żewġ fażijiet tal-proċedimenti pre-pack - il-fażi ta' tħejjija u l-fażi ta' likwidazzjoni - mal-proċedimenti normali ta' insolvenza, kif ukoll l-oġettivi differenti wara ż-żewġ fażijiet. Hija żgurat ukoll aktar ċarezza u koerenza ma' strumenti rilevanti oħra tal-UE. Fl-aħħar nett, il-Presidenza ppruvat tipprovdi flessibbiltà għall-Istati Membri biex jużaw is-sistema nazzjonali eżistenti tagħhom biex jimplimentaw il-proċeduri pre-pack.
24. Il-Presidenza ħarġet ukoll test ta' kompromess dwar it-Titolu V ("Dmir tad-diretturi li jitolbu l-bidu ta' proċedimenti ta' insolvenza u r-responsabbiltà ċivili") u t-Titolu VII ("Kumitat tal-kredituri") li ser jiġi ppreżentat fl-aħħar żewġ laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma f'Ġunju.

⁴ P9_TA(2024)0364 u P9_TA(2024)0301.

25. It-Titolu V ("Dmir tad-diretturi li jitolbu l-bidu ta' proċedimenti ta' insolvenza u r-responsabbiltà ċivili") jipproponi li jiġi impost obbligu fuq id-diretturi li jippreżentaw talba lill-qrati għall-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza mhux aktar tard minn tliet xhur wara li jsiru jafu jew jistgħu jkunu raġonevolment mistennija li kienu konxji li l-kumpanija hija insolventi. L-għan huwa li jiġi massimizzat il-valur ta' rkupru għall-kredituri. Xi Stati Membri kienu mħassba li dan id-dmir jista' jkun ta' ħsara għall-kompetittività u l-intraprenditorija tal-UE. Fit-test ta' kompromess, il-Presidenza indirizzat talbiet minn xi delegazzjonijiet għal test aktar flessibbli, li jispjega f'liema sitwazzjonijiet japplika l-obbligu u kif wieħed jikkonforma miegħu. Hija introduċiet ukoll kjarifiki dwar ir-responsabbiltà tad-diretturi għal ksur tad-dmir tagħhom.
26. It-Titolu VII ("Kumitat tal-kredituri") għandu l-għan li jsaħħaħ il-pożizzjoni tal-kredituri fil-proċedimenti ta' insolvenza billi jipprovdi regoli dwar il-ħatra tal-membri tal-kumitat u l-kompożizzjoni, il-metodi ta' ħidma u l-funzjonijiet tiegħu, kif ukoll ir-responsabbiltà personali tal-membri tiegħu. Xi Stati Membri talbu b'mod partikolari li jinżamm approċċ ta' armonizzazzjoni minima u li tiġi introdotta aktar flessibbiltà. Il-Presidenza wiegħbet billi tat aktar flessibbiltà dwar il-ħatra tal-membri tal-kumitat u dwar il-metodi ta' ħidma tal-kumitat, filwaqt li ċċarat id-drittijiet u d-dmirijiet tal-membri.

c) Diskussjonijiet dwar id-Direttiva proposta fil-Coreper

27. Fl-10 ta' April 2024, saret diskussjoni fil-Coreper dwar il-passi li jmiss relatati mas-CMU. Id-Direttiva proposta dwar l-insolvenza ġiet elenkata fost il-proposti leġiżlattivi pendenti importanti għas-CMU. L-ambaxxaturi ddiskutew l-ixprunaturi ewlenin għall-progress fis-CMU, kif ukoll l-ostakli, u stiednu lill-gruppi ta' ħidma rilevanti biex javvanzaw kemm jista' jkun il-ħidma sa tmiem il-Presidenza.

28. Bi tweġiba għas-sejħiet ta' livell għoli biex titħaffef il-ħidma fuq id-direttiva proposta, il-Presidenza Belġjana organizzat dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Coreper fit-22 ta' Mejju 2024 sabiex jinstabu soluzzjonijiet biex il-progress fil-livell tekniku jiġi allinjat mal-livell ta' ambizzjoni identifikat fl-ogħla livell politiku. L-ambaxxaturi ġew mistiedna jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar l-elementi tal-proposta li huma partikolarment importanti bħala kontributi għas-CMU. L-ambaxxaturi ntalbu jgħidu wkoll liema prinċipji għandhom jiggwidaw il-ħidma futura u liema tħassib kellhom, bil-ħsieb li jintlaħaq approċċ ġenerali fil-Kunsill mingħajr dewmien, f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17 u t-18 ta' April 2024.
29. Rigward il-metodi ta' ħidma għall-ġejjieni, id-dibattitu żvela li l-Istati Membri jilqgħu ż-żieda fl-għadd ta' laqgħat tal-gruppi ta' ħidma u l-aċċellerazzjoni tal-ħeffa tal-ħidma, li tirrifletti l-prijorità politika għolja stabbilita għad-direttiva proposta. Huma ssottolinjaw ukoll li l-kwalità tat-test ma għandhiex tiġi kompromessa. Id-Direttiva proposta għandha tiġi analizzata u diskussa bir-reqqa sabiex l-eżitu tan-negozjati jindirizza kif xieraq il-ħtiġijiet tas-CMU.
30. Dwar is-sustanza, l-Ambaxxaturi ġeneralment enfasizzaw it-Titolu II dwar l-azzjonijiet revokatorji u t-Titolu III dwar it-traċċar tal-assi bħala elementi ewlenin tal-proposta li jikkontribwixxu għas-CMU u li dwarhom jistgħu jinstabu aktar faċilment soluzzjonijiet ta' kompromess. Min-naħa l-oħra, xi Stati Membri esprimew tħassib dwar it-Titolu IV dwar il-proċedimenti pre-pack, b'mod partikolari fir-rigward tal-livell ta' dettall tad-dispożizzjonijiet, il-protezzjoni tal-awtonomija tal-kredituri u r-relazzjoni mal-libertà kuntrattwali. Ħafna Stati Membri enfasizzaw it-Titolu VI dwar ir-reġim speċjali għall-mikrointrapriżi bħala element ewlieni ta' tħassib li jista' joħloq diffikultajiet biex jintlaħaq ftehim mingħajr dewmien dwar id-Direttiva.

III. KONKLUŻJONIJIET

31. Il-Presidenza Belġjana hija impenjata li tiffaċilita l-kontinwazzjoni tad-diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma, flimkien mal-Presidenza Ungeriża li jmiss, u li tiżgura progress bla xkiel lejn Approċċ Ġenerali.
 32. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti u l-Kunsill huma mistiedna jieħdu nota ta' dan ir-Rapport ta' Progress.
-